MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 701/2008

**Carmel Bugeja (K.I. 9857M)**
**Vs**
**Super Car Hire - Salvatore Cassar (K.I. 366650M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf,tliet mija u erba' u tlettin ewro u erba' centezmi (€1334.04) rapprezentanti hlasijiet dovuti lilu meta kien impjegat mal-konvenut mas-Super Car Hire ta' Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija BZN08 bhala xufier. Illi l-attur irrizenja mix-xoghol fid-29 ta' Marzu, 2008 u l-ahhar gurnata tax-xoghol kienet id-29 ta' Marzu, 2008. Illi l-konvenut ghadu ma hallasx lill-attur il-paga kollha dovuta lilu sad-29 ta' Marzu, 2008, u cioe' l-ahhar gimghatejn xoghol li jammontaw ghal tliet mija, disa' w erbghin ewro w wiehed u erbghin centezmu (€349.41). Illi l-konvenut ma hallsux il-*cost of living increase* kif dovut mill-istess ligi ghal perjodu bejn Jannar u Marzu, 2008 li jammontaw

ghall-€45.37. Illi l-konvenut ma hallsux ghall-*overtime* li kien ghamel fl-ammont ta' hames mija u sebghin ewro w sebghin centezmu (€570.70).

Illi ghandu jiehu ukoll sebat ijiem *leave* li jammontaw ghal mija disgha u sebghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€179.88). Illi baqa' jiehu l-*bonus* ta' Marzu, 2008 fl-ammont ta' mija tmienja u tmenin ewro w tmienja u sittin centezmu (€188.68).

Illi ntbaghtet lill-konvenut ittra interpellatorja sabiex isir il-hlas.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-20 ta' Mejju, 2008. Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-esponent hallas dak kollu dovut lill-attur u huwa l-istess attur li ghandu jhallas lill-esponent kif gie spjegat fil-kontro talba. Illi l-esponent hallas il-*cost of living increase*. Illi l-attur ha iktar *leave* milli kien intitolat ghalih u inghata ukoll il-bonus.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti fejn gie mitlub illi l-konvenut rikonvenzjonat kien hallas mija u sbatax-il ewro (€117) taxxa f'isem l-attur u ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi mhallas lura lill-konvenut. Illi l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenut l-ammont ta' €46 in konnessjoni ma' batterija li ha, €96 in konnessjoni ma' danni li ghamel l-attur f'vann li kien qieghed isuq flimkien ma' ammont ta' *sick leave* li ha l-attur meta ma kienx intitolat.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-attur huwa debitur tal-konvenut fl-ammont kif fuq spjeagt u li l-istess attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenut l-ammont li ser jigi likwidat.

Ra r-risposta tal-kontrotalba fejn l-attur rikonvenzjonat qal illi qieghed jirrikonoxxi u jammetti l-ammont pretiz ghall-batterija u l-hasarat fil-vann sal-ammont ta' €69.88.

L-ammonti l-ohra ndikati fil-kontrotalba, m'humiex dovut ghax dawn huma spejjez unikament a kariku ta' Super Car Hire u cioe' Salvatore Cassar.

Bl-ispejjez kontra l-istess Salvatore Cassar ghal Super Car Hire.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Bugeja u Duncan Cassar Wheelan.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:-**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur kien impjegat mal-konvenut ghal cirka sitt xhur bejn nofs Ottubru, 2007 sad-29 ta' Marzu, 2008. Illi l-ufficju tal-konvenut huwa gestit minn ibnu Duncan Cassar Wheelan u persuna ohra.

Illi l-attur ghamel talba fis-somma globali ta' €1334.04 bhala ammont dovut lilu matul l-impieg tieghu mal-konvenut.

It-Tribunal jirrilleva li mat-talba, l-attur ipprezenta notamenti personali li kien inizzel dwar vjaggijiet li kien jaghmel bhala *over-time.* Illi skont affidavit ulterjuri spjega l-ammont fit-talba f'iktar dettal. Illi ghalkemm l-ammont ta' *over-time* u bonus mitlubin ftit jew wisq jaqblu mal-ammonti imnizzlin fit-talba, t-Tribunal jirrilleva li filwaqt li dawn l-ammonti jaqblu mat-talba, l-attur nizzel erbatx-il gurnata *sick leave* fl-affidavit meta fit-talba kien semma' biss sebat ijiem *leave*. Illi t-Tribunal sabiex jasal ghal vertenza gusta w ekwa tal-kaz ha jsewgi l-ammonti kif dedotti fit-talba ghaliex ma jaqbilx fl-ammonti kif imnizzlin fl-affidavit ulterjuri.

Mix-xhieda tal-attur it-Tribunal jikkonkludi li kien hemm inkonsistenzi fl-ammonti mitluba fit-talba u fl-affidavit ulterjuri pprezentat minnu. In rejalta' kieku l-attur ipprezenta l-*payslips* li jindikaw x'kien thallas mill-konvenut din kienet tkun l-aqwa prova in sostenn tat-talbiet tieghu.

Illi mill-provi tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu li minn zewg rendikonti pprezentati a fol 55 u fol 57 ta' hlasijiet lill-attur, kif mizmuma fis-sistema ta' kontabilita' tal-konvenut, jirrizulta li l-ammonti mitluba mill-attur gew imhallsa. Dawn iz-zewg dokumenti kif ukoll kopji tal-FS3 mibghuta lill-Kummissarju tat-taxxi Interni a fol 56 u fol 57, jindikaw il-hlas totali maghmul mill-konvenut lill-attur.

Jirrizulta li fuq insistenza tal-attur stess huwa dejjem ried jithallas *cash* fl-ahhar tax-xahar u ma riedx li jithallas permezz ta' sistema ta' *direct banking* kif kellhom l-impjegati kollha. Intqal ukoll mill-attur li huwa kien izomm notamenti personali ghaliex il-konvenut ma kienx dejjem jaghtih l-formoli tal-vjaggi fejn kienu jitnizzlu dettalji tal-vjagg. Izda dwar dan ix-xhud, Duncan Cassar Wheeler, qal illi filwaqt li ma jistax jeskludi li kien ikun hemm xi drabi li dawn il-formoli setghu ma nghatawx lill-attur, bhala procedura regolari dawn dejjem inharrgu lill-attur. Illi t-Tribunal jirrilleva li l-konvenut ma kienx ipproduca kopji tal-formoli kollha tal-*overtime* maghmula mill-attur izda minflok kien ezebixxa *breakdown* tal-*overtime* f'lista estensiva kompjuterizzata.

Illi mill-provi tal-konvenut, it-Tribunal huwa tal-fehma li b'ammissjoni stess ta' Cassar Wheelan, l-attur kien ghad fadallu jiehu s-somma ta' €122.21 li l-attur ma kienx ghadu thallas taghhom. Illi l-ammonti tat-talba kif dedotti m'humiex dovuti.

Illi t-Tribunal ra li l-konvenut gab, bhala l-ahjar prova, kopja ta' zewg rendikonti ta' hlasijiet maghmula lill-attur a fol. 55 u fol. 57 u zewg kopji tal-FS3, a fol. 56 u fol. 58, mibghuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghas-snin 2007 u 2008. Ili ma jidhirlux illi kien hemm xi kontro-ezami min-naha tal-attur dwar dawn id-dokumenti, li *d'altronde* kien

ircieva mill-*employer* tieghu u li kopja taghha kellu jibghat lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni huwa stess mal-eghluq tas-sena fiskali.

Illi lit-Tribunal ghalhekk jikkonkludi li galadarba l-attur kien ircieva dawn id-dokumenti mill-konvenut wara li ttermina l-impieg tieghu, huwa qatt ma kkontesta mal-konvenut dak li kien hemm imnizzel fihom fiz-zmien li kien irceviehom. Illi f'dawn id-dokumenti hemm indikat bic-car illi bejn il-5 ta' Ottubru, 2007 sat-30 ta' Dicembru, 2007 l-attur thallas paga flimkien ma' *leave* li kien ha. Thallas ukoll tal-*overtime* fis-somma ta' seba' mija erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€734.22) u *bonus* tal-Gvern fis-somma ta' €57.28 ghall-dak il-perjodu. Illi skont it-tieni *pay slip* mahruga ghall-tlett xhur bejn il-31 ta' Dicembru, 2007 sad-29 ta' Marzu, 2008, l-attur thallas il-paga, *leave* u *sick leave* kif ukoll *overtime* fis-somma ta' €852.16 li b'kollox jammontaw fis-somma tat-talba. Illi jirrizulta ukoll illi l-attur thallas il-C.O.LA. (*cost of living adjustment*) mitlub minnu fis-somma ta' €111.81 kif ukoll il-*bonus* tal-Gvern li kien intitolat ghalih fis-somma ta' €51.60. Kien thallas ukoll €9.85 ghal somma mhux maghrufa. Illi minn dak id-dokument jirrizulta ukoll illi l-konvenut kien thallas €46 ghall-batterija, €96 ghal habta fil-vann u s-somma ta' €9.85 ghall-ammont mhux maghruf kif ukoll €151 f'ammonti ohra li gew indikati bhala *sick leave refund*. Illi l-ammonti finali msemmija fiz-zewg rendikonti ta' pagi huma indikati fil-formola ufficjali li kellha tintbghat lid-dipartiment tat-Taxxi Interni hekk imsejjha FS3. Illi ghandu jinghad ukoll illi ai fini tal-kontrotalba, jirrizulta li skont l-FS3, il-konvenut kien thallas ta' dawn l-ammonti meta dawn l-ammonti gew imnaqqsa skont ir-rendikont mhejji mill-konvenut a fol. 57.

Wara li sema' u evalwa l-provi migjuba quddiemu t-Tribunal huwa tal-fehma li l-ahjar prova li seta' jgib l-attur kienet tkun il-*pay slip* li kien ircieva mill-konvenut kull xahar. Izda l-attur ibbaza l-provi tieghu fuq notamenti personali biss. Il-konvenut min-naha l-ohra xehed illi l-uniku ammont li huwa dovut huwa ta' €122.21. Intqal ukoll illi gieli s-sieghat tal-*over time* ghalkemm ma kienux jithallsu fl-ahhar tax-xahar, kienu jithallsu lill-attur ix-xahar

ta’ wara izda l-attur dejjem thallas ta’ xoghlu hlief ghal €122.21.

Illi jirrizulta lit-Tribuanl illi l-attur qal li l-konvenut kien itterminalu l-impieg minhabba li kien naqaslu x-xoghol. Izda t-Tribunal jirrileva li r-raguni moghtija mill-konvenut ghat-terminazzjoni tal-impieg kien illi l-attur kien allegatament ha xi affarijiet li kienu destinati lill-konvenut. Illi ma jidhirx illi l-attur ikkontesta tali xhieda.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi t-talba tal-attur m’hijiex wahda bbazata fuq provi konklussivi filwaqt li l-provi dokumentali tal-konvenut dwar it-talba jidhru konklussivi.

Illi rigward il-kontrotalba, t-Tribunal jirrilleva li l-ammonti indikati fil-kontrotalba kienu diga’ gew imnaqqsa min-naha tal-konvenut skont ir-rendikont tal-pagi ghal perjodu bejn il-31 ta’ Dicembru, 2007 sad-29 ta’ Dicembru, 2008.  Illi skont dokument A5 a fol. 57 kienu tnaqqsu l-ammonti ta’ €46 ghall-batterija, €96 ghall-habta fil-vann u tnaqqsu € 151 ghall *sick leave* li ma kienx intitolat ghalih l-attur. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jistax jifhem ir-raguni tal-kontrotalba meta l-konvenut kien diga thallas taghhom dejjem skont ir-rendikont tal-pagi.  Illi dwar is-somma mitluba ta’ €117 fil-kontrotalba, it-Tribunal huwa tal-fehma li dak l-ammont huwa r-responsabbilita’ tal-konvenut.  In konkluzjoni, it-Tribunal ma jistax jakkolji il-kontrotalba tal-konvenut .

It-Tribunal wara li sema’ u evalwa l-provi migjuba quddiemu huwa konvint illi s-sistema ta’ *reconcilaition u accountability* min-naha tal-konvenut m’hijiex wahda mill-iktar felici u li probabbliment wasslet lill-attur sabiex ikollu dubji dwar l-ammonti li kellu jiehu.  Izda mill-provi dwar it-talba, t-Tribunal ha jistrieh fuq provi ufficjali tal-FS3 li kienu ntbaghtu lill-impjegat.  Illi flimkien mal-FS3 hemm rendikonti ta’ x’kien thallas l-attur li jindikaw l-ammonti mitluba mill-attur fit-talba.  Illi t-Tribunal huwa sodisfatt li r-rendikont tal-hlasijiet maghmula bejn il-31 ta’ Dicembru, 2007 sad-29 ta’ Marzu, 2008 huma korretti u jaqblu mal-FS3 mibghuta lill-impjegat u konsegwenetement lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.  Illi fil-fehma tat-Tribunal,  l-

uniku ammont dovut huwa l-ammont ammess mill-konvenut fis-somma ta’ €122.21. It-Tribunal jikkonkludi ukoll illi whud mill-ammonti imsemmija fil-kontrotalba kienu diga thallsu lill-konvenut rikonvenzjonat u t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub ghal hlas ta’ Taxxa kien dovut mill-konvenut u mhux mill-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi minhabba nuqqas ta’ provi, jilqa’ t-talba ta’ l-attur *in parte* u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fis-somma limitata ta’ €122.21, filwaqt illi jichad il-kontrotalba tal-konvenut.

Bl-ispejjez sopportati kwart ghall-attur u tlett kwarti ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------